MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 240/2010

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita` numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera PIONEER KABUSHIKI KAISHA (ezercitanti l-kummerc ukoll bl-isem ta' PIONER CORPORATION) bl-indirizz ta' 4-1 Meguro l-chome, Meguro-ku, Tokjo, il-Gappun.**

**vs.**

**Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tal-21 ta' Mejju 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil entita` mhux Komunitarja (U.E.) S.M.T.F. P/C SELMA, b' indirizz mhux maghruf u b'indikazzjoni ta' *"TEL/FAX 00216-7133702"* fit-Tunezija.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera **PIONEER KABUSHIKI KAISHA** (ezercitanti l-kummerc ukoll bl-isem ta' PIONEER CORPORATION), b'indirizz ta' 4-1 Meguro 1-chome, Meguro-ku, Tokjo, il-Gappun datat 15 ta' Marzu 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi s-socjeta` attrici, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f'Malta in konnessjoni ma' prodotti ta' natura awdjo-viziva, hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru n-negozju taghha u in konnessjoni mal-istess negozju.

Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta` attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi fuq is-swieq mondjali inkluz is-suq lokali, in konnessjoni mat--*trademarks* taghha.

Illi fost ohrajn, is-socjeta` attrici ghandha validament irregistrati bhala *Trade Marks* Komunitarji (CTM) il-markji "*Pioneer*" (figurattiva, numru 000881839, b'effett f'Malta mill-1 ta' Mejju 2004) u "PIONEER" (figurattiva, numru 000089227, b'effett f'Malta mill-1 ta' Mejju 2004), u dawn *inter alia* dwar prodotti f'kategorija li fihom jaqghu prodotti konsistenti fi *speakers*.

Illi noltri, is-socjeta` attrici ghandha rregistrati f'Malta b'effett mill-21 ta' Lulju 1998 it-*trademark* bin-numru ta' registrazzjoni 28838 "*Pioneer*", u b'effett mill-15 ta' Dicembru 1970 it-*trademark* bin-numru ta' registrazzjoni 10668 "PIONEER", u dawn dwar prodotti li jinkludu *speakers* fost ohrajn.

Illi s-socjeta` attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-**Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such**

**rights** u tal-**Att dwar Drittijiet dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta)**, biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-**artikoli 10, 2 1. (a), 16 u 17 tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003*** **u fl-artikoli 2 (1) (a), 4 u 8 (1) tal-Kap. 414**.

Illi recentement, waqt skrutinji f'sitwazzjoni msemmija fl-**artikolu 1 1. tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* u fl-artikolu 4 tal-Kap. 414**, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-*containers* UESU 4817419 u ECMU 8042484 kontenenti *inter alia* kwantita` ta' prodotti senjatament *speakers*, liema prodotti - kif ukoll materjal ta' ippakkettjar relattiv fejn applikabbli - ilkoll fihom *trademarks* "*Pioneer*" u waslu fil-port hieles ta' Marsaxlokk (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*), u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta` attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta` intellettwali.

Illi s-socjeta` attrici giet mgharrfa bis-sejbiet rispettivament fis-16 ta' Frar 2010 (dwar *container* UESU 4817419) u fl-24 ta' Frar 2010 (dwar *container* ECMU 8042484) u, wara li ezaminat ritratti elettronici u kampjuni tal-oggetti in kwistjoni, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta` intellettwali *stante* li falsifikati. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghaddilha kopji ta' dokumenti relattivi ghall-kaz inkluzi *DRAFT BILL OF LADING* dwar kull wiehed miz-zewg *containers* fejn f'kull kaz, fil-kaxxa relattiva ghall-*CONSIGNEE* hemm indikata l-entita` estera konvenuta S.M.T.F P/C SELMA, minghajr indikazzjoni ta' indirizz u b'indikazzjoni ta' "*TEL/FAX* 00216-7133702" fit-Tunezija.

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici *stante* li oggetti falsifikati. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u *oltre* d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 5 ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-

**artikolu 9 1. (a) u (b) tal-*Council Regulation (EC) No. 207/2009 on the Community Trade Mark*, tar-Regolament Numru 9 tal-Avviz Legali 233 tal-2003, u tal-artikoli 10, u 14 sa 19 tal-Att tal-2000 Dwar it-*Trademarks* (Kap. 416).**

Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga termini sas-16 ta' Marzu 2010 (dwar is-sejba gewwa l-*container* UESU 4817419) u sal-25 ta' Marzu 2010 (dwar is-sejba gewwa l-*container* ECMU 8042484) sabiex is-socjeta` attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti ta' kull kaz, u b'hekk dawn il-procedimenti gudizzjarji civili qed jigu prezentati fi zmien utli kontra l-konvenuta *qua* kunsinnatarja taz-zewg konsenji ta' merkanzija in kwestjoni.

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-prodotti konsistenti fi *speakers* kif ukoll materjal ta' ippakkettjar relattiv fejn applikabbli, li lkoll fihom *trademarks* "*Pioneer*" (figurattiva) u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*containers* UESU 4817419 u ECMU 8042484 kien fihom l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici *stante* li oggetti falsifikati.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta` attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u ghas-spejjez taghha.

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni.

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez 'l ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-kontegg tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghal-lok tal-hazna, tal-hazna stess u tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok "A" sa Dok. "N" kif jidhru a fol. 7 sa fol. 76 tal-process.

Rat id-digriet datat 21 ta' Mejju 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghas-socjeta` intimata.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti biex jinstema' fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat in-nota ta' Dr. Luigi Sansone datata 13 ta' Awwissu 2010 a fol 93 tal-process li permezz taghha pprezenta diversi dokumenti.

Rat ir-risposta mahlufa tal-kuraturi deputati datata 13 ta' Ottubru 2010 a fol. 167 tal-process fejn l-Avukat Joseph Ellis bil-gurament tieghu kkonferma illi huwa jaf personalment bil-fatti hawn imsemmija u eccepixxa:-

1. Illi l-esponent m'huwiex edott mil-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstnt jirrisperva illi jdahhal

eccezzjonijiet ulterjuri fl-eventwalita` illi jkun hemm il-htiega.

2. Salv eccezzjonijiet.

Rat il-lista tax-xhieda esebita tal-kuraturi deputati.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Novembru 2010 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Jannar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta mill-atti tal-kawza li s-socjeta` attrici ghandha validament irregistrati bhala *Trade Marks* Komunitarji (CTM) il-markji "*Pioneer*" (figurattiva, numru 000881839, b'effett f'Malta mill-1 ta' Mejju 2004) u "PIONEER" (figurattiva, numru 000089227, b'effett f'Malta mill-1 ta' Mejju 2004), u dawn *inter alia* dwar prodotti f'kategorija li fihom jaqghu prodotti konsistenti fi *speakers* u dan kollox kif jidher mir-rikors guramentat u mid-dokumenti immarkati Dok. "B" sa Dok. "E".

Illi jirrizulta li fid-29 ta' Jannar 2010 u fit-12 ta' Frar 2010 recentement, waqt skrutinji f'sitwazzjoni msemmija fl-**artikolu 1 1. tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* u fl-artikolu 4 tal-Kap. 414**, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-*containers* UESU 4817419 u ECMU 8042484 rispettivament kontenenti *inter alia* kwantita` ta' prodotti senjatament *speakers*, fl-ewwel kaz ta' 591 il-wiehed, u fit-tieni kaz ta' 272 il-wiehed, liema prodotti - kif ukoll materjal ta' ippakkettjar relattiv fejn applikabbli - ilkoll fihom *trademarks* "*Pioneer*" u waslu fil-port hieles ta' Marsaxlokk (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*), u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta` attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta` intellettwali

u dan kif jirrizulta mill-affidavits tal-ufficjal tad-dwana George Agius datati 10 ta' Marzu 2010 (Dok. "H" u "I").

Illi s-socjeta` attrici giet mgharrfa bis-sejbiet rispettivament fis-16 ta' Frar 2010 (dwar *container* UESU 4817419) u fl-24 ta' Frar 2010 (dwar *container* ECMU 8042484) u, wara li ezaminat ritratti elettronici u kampjuni tal-oggetti in kwistjoni, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta` intellettwali *stante* li falsifikati u dan kif jirrizulta mid-Dok. "LS 03" u "LS04" u korrispondenza annessa man-nota attrici datata 13 ta' Awissu 2010.

Illi jirrizulta wkoll li l-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta' attrici kopji ta' dokumenti relattivi ghall-kaz inkluzi l-polza ta' karigu dwar kull wiehed miz-zewg *containers* fejn f'kull kaz, fil-kaxxa relattiva ghall-*consignee* hemm indikata l-entita` estera konvenuta S.M.T.F P/C SELMA, minghajr indikazzjoni ta' indirizz u b'indikazzjoni ta' "*TEL/FAX* 00216-7133702" fit-Tunezija u b'hekk is-socjeta' intimata hija ndikata bhala l-kunsinnatarja tal-istess oggetti (Dok. "F" u "G").

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici ghaliex l-istess oggetti huma foloz u falsifikati.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati u fil-fatt lanqas huma kontestati b'dan li b'dan li salv li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra kif hawn deciz.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli mal-istess, u filwaqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-prodotti konsistenti fi *speakers* kif ukoll materjal ta' ippakkettjar relattiv fejn applikabbli, li lkoll fihom *trademarks* "*Pioneer*" (figurattiva) u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*containers* UESU 4817419 u ECMU 8042484 kien fihom l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici *stante* li oggetti falsifikati.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u ghas-spejjez taghha.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* dak provdut fit-tieni talba tal-azzjoni attrici.

4. Tordna li s-socjeta'/entita' konvenuta ghandha tbati l-ispejjez 'l ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-kontegg tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghal-lok tal-hazna, tal-hazna stess u tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-entita`/socjeta` konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------